

Brussell, 31 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13601/23

LIMITE

EDUC 376
DIGIT 198
JEUN 231
EMPL 464
SOC 651

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0100(NLE)

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-forniment tal- ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ - <i>Adozzjoni</i>

1. Il-Kumitat tal-Edukazzjoni eżamina l-proposta ta' hawn fuq għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'għadd ta' laqgħat. It-test issa għandu l-qbil tad-delegazzjonijiet kollha.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tad-delegazzjonijiet dwar it-test meħmuż u jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

1. Il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali saru essenzjali fi kważi kull settur tas-soċjetà u tal-ekonomija, u huma pedament għall-inklużjoni soċjali, il-benesseri, iċ-ċittadinanza attiva, l-impjegabilità, il-produttività, is-sigurtà u t-tkabbir. Iċ-ċittadini kollha jeħtieġu ħiliet u kompetenzi diġitali sabiex jgħixu, jitgħallmu, jaħdmu, jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, ikunu infurmati, jaċċessaw is-servizzi online, jikkomunikaw, jikkunsmaw, u joħolqu u jxerrdu kontenut diġitali.
2. B'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023¹ enfasizzaw il-ħtieġa għal azzjoni aktar kuraġġuża u aktar ambizzjuża biex jiġu żviluppati aktar il-ħiliet li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid. Skont id-Deċiżjoni (UE) 2023/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-perjodu mid-9 ta' Mejju 2023 sat-8 ta' Mejju 2024 intgħażel bħala s- "Sena Ewropea tal-Ħiliet", li l-oġettiv ġenerali tagħha huwa li tkompli tippromwovi mentalità ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet f'konformità mal-kompetenzi, id-dritt u l-prattika nazzjonali.

¹ EUCO 1/23.

² Id-Deċiżjoni (UE) 2023/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet (ĠU L 125, 11.5.2023, p. 1).

3. L-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali³ jiddikjara li "kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklussivi sabiex iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol". Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni Ewropea tal-2022 dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Digitali⁴, li tistabbilixxi kif il-valuri u d-drittijiet fundamentali tal-Ewropa jenħtieġ li jiġu applikati għad-dinja diġitali, tiddikjara li kulħadd "għandu jkun jista' jikseb il-ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati kollha". F'dan il-kuntest, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ġew imsejħa biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali taċ-ċittadini kollha. Il-fornituri mhux formali qed jindirizzaw ukoll din il-ħtieġa billi jappoġġaw offerta edukattiva rikka u varjata għaż-żgħażaġh u għall-adulti.

³ ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

⁴ ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1.

4. L-istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza⁵ adottati mill-Kummissjoni jenfasizzaw ir-rwol importanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità u inklużivi biex jippermetti l-progress lejn Unjoni ta' ugwaljanza għal kulħadd, irrispettivament mill-ġeneru, mill-oriġini razzjali jew etnika, mir-reliġjon jew mit-twemmin, mid-diżabilità, mill-età jew mill-orjentazzjoni sesswali. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest, jenħteġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-gruppi vulnerabbli u soċjoekonomikament żvantaġġati, lill-persuni b'diżabilità u lill-persuni li jgħixu f'żoni rurali u remoti u fir-reġjuni ultraperiferiċi. Aspettattivi sterjotipiċi jillimitaw l-aspirazzjonijiet tal-bniet u tan-nisa milli jagħżlu qasam ta' studju jew ta' taħriġ u li jseguw karriera professjonali fis-settur diġitali. Dan min-naħa tiegħu jinfluwenza d-disinn ta' prodotti diġitali, fejn il-ħtiġijiet jew l-ispeċifikitajiet tan-nisa u tal-bniet jistgħu ma jitqisux b'mod adegwat. F'konformità mad-dikjarazzjoni *Impenn dwar in-nisa fl-era diġitali*, hija meħtieġa azzjoni biex tinkiseb parteċipazzjoni ugwali fis-setturi kollha u b'mod partikolari f'dak diġitali.
5. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 tal-Kummissjoni⁶ jistabbilixxi l-approċċ tal-Ewropa għall-edukazzjoni fl-era diġitali u jqis l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali bħala prijorità strateġika. Il-pjan jiddikjara li fehim tajjeb tad-dinja diġitali jenħteġ li jkun parti mill-edukazzjoni formali u mhux formali. Dan huwa partikolarment importanti fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali li għaddejja u l-impatt ta' għodod diġitali emerġenti, ibbażati pereżempju fuq sistemi ta' intelliġenza artifiċjali (IA) ġenerattiva u teknoloġiji emerġenti oħra. Dan jimplika l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ iħejju lin-nies għal użu kreattiv, etiku u responsabbli tat-teknoloġija, waqt li jifhemu kif din tiffunzjona.

⁵ FI-2020 u FI-2021 ġew adottati ħames strateġiji ta' ugwaljanza biex isir progress lejn Unjoni ta' Ugwaljanza: l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 (COM(2020) 152 final); l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020) 698 final); il-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (COM(2020) 565 final); il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-partiċipazzjoni 2020-2030 (COM(2020) 620 final); u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 (COM(2021) 101 final).

⁶ COM(2020)624 final.

6. Fl-2022 il-Kummissjoni nediet djalogu strutturat mal-Istati Membri dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali. Wara d-dibattitu ministerjali li sar fil-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport (EYCS) f'Novembru 2021, l-Istati Membri nnominaw ir-rappreżentanti tagħhom għall-grupp ta' livell għoli ta' koordinaturi nazzjonali għad-djalogu strutturat, bil-mandat li jirrappreżentaw id-dipartimenti rilevanti fil-pajjiżi tagħhom responsabbli għal aspetti differenti tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet diġitali (inkluż l-edukazzjoni, ix-xogħol, id-diġitali, il-kultura, l-industrija u l-finanzi). L-eżiti tad-djalogu strutturat enfasizzaw għadd ta' sfidi komuni u wrew il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkondividu l-aħjar prattiki u jibbenefikaw minn appoġġ u kooperazzjoni biex jissaħħaħ l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u biex jittejjeb il-forniment tal-ħiliet diġitali f'perspettiva ta' taġħlim tul il-ħajja.
7. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-taġħlim tul il-ħajja⁷ telenka l-użu kunfidenti, kritiku u responsabbli tat-teknoloġiji diġitali, u l-interazzjoni magħhom għat-taġħlim, ix-xogħol, u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà bħala waħda mit-tmien kompetenzi ewlenin għat-taġħlim tul il-ħajja. Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (DigComp)⁸ jistabbilixxi l-elementi ewlenin tal-kompetenza diġitali f'ħames oqsma interrelatati b'livelli ta' profiċjenza differenti. Il-qafas jintuża mill-fornituri tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u taċ-ċertifikazzjoni bħala referenza għall-iżvilupp u għall-valutazzjoni tal-ħiliet diġitali.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-taġħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).

⁸ Vuorikari, R., Kluzer, S. and Punie, Y., DigComp 2.2: The Digital Competence Framework for Citizens - With new examples of knowledge, skills and attitudes (Il-Qafas tal-Kompetenza Digitali għaċ-Ċittadini - B'eżempji godda ta' għarfien, hiliet u attitudni), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu, 2022.

8. Ir-rilevanza tal-ħiliet diġitali għas-soċjetà u għall-impjegabilità hija appoġġata minn sensiela ta' miri dwar il-livelli li jridu jintlaħqu. Bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030)⁹, il-Kunsill impenja ruħu għal mira fil-livell tal-Unjoni dwar il-ħiliet diġitali taż-żgħażaġħ, bil-għan li sal-2030 jitnaqqsu dawk b'ħiliet baxxi fil-litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni għal anqas minn 15 %. Il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali¹⁰ jinkludi impenn li sal-2030 tinkiseb popolazzjoni b'ħiliet diġitali u professjonisti diġitali b'livell għoli ta' ħiliet, fejn mill-anqas 80 % ta' dawk li għandhom bejn is-16 u l-74 sena jkollhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi u mill-anqas 20 miljun speċjalist tal-ICT ikunu impjegati fl-Unjoni, filwaqt li jippromwovi l-aċċess tan-nisa għall-qasam u jżid l-għadd ta' gradwati fl-ICT.
9. Madankollu, id-data disponibbli turi li fl-Istati Membri li jipparteċipaw fl-Istudju Internazzjonali dwar il-Litteriżmu fil-Kompjuter u fl-Informazzjoni, medja ta' madwar 34 % tal-istudenti fit-tmien grad ġew ikklassifikati fl-2018 bħala li għadhom lura fil-litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni¹¹ (meta mqabbel ma' mira ta' 15 %). Fl-2021, 54 % biss tal-persuni fl-Unjoni ta' bejn is-16 u l-74 sena kellhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi¹², aktar minn nofs il-kumpaniji tal-Unjoni rrapportaw diffikultajiet biex jimlew il-postijiet tax-xogħol vakanti għall-ispeċjalisti tal-ICT¹³, u 9 miljun persuna biss ħadmu bħala speċjalisti tal-ICT madwar l-Unjoni¹⁴. Fil-professjonijiet relatati mal-ICT, l-irġiel ammontaw għal 81 % taċ-ċifra totali¹⁵. Dawn iċ-ċifri jikkonfermaw il-ħtieġa li jissokta l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali inkluż billi jiġi indirizzat id-distakk bejn iż-żoni rurali u l-bliet u l-impatt għoli li għandhom l-età, l-isfond soċjoekonomiku u l-edukazzjoni fuq il-livell ta' ħiliet diġitali.

⁹ ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.

¹⁰ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

¹¹ Fraillon, J., Ainley, J., Schulz, W., Friedman, T. and Duckworth, D., Preparing for Life in a Digital World: IEA International Computer and Information Literacy Study 2018 International Report (Nippreparaw għal Ħajja fid-Dinja Diġitali: Rapport Internazzjonali dwar l-Istudju Internazzjonali tal-2018 tal-IEA rigward il-Litteriżmu fil-Kompjuter u fl-Informazzjoni), Springer Open, IEA, Amsterdam, 2019.

¹² Eurostat (2021). L-użu tal-ICT fl-unitajiet domestiċi.

¹³ Eurostat (2021). Speċjalisti tal-ICT - statistika dwar postijiet tax-xogħol vakanti diffiċli biex jimtlew fl-intrapriżi.

¹⁴ Eurostat (2021). L-użu tal-ICT fl-unitajiet domestiċi u mill-individwi.

¹⁵ Eurostat (2021). Speċjalisti tal-ICT fl-impjieg.

10. Huma meħtieġa sforzi għal ħiliet diġitali bażiċi kif ukoll dawk avvanzati. F'dan il-kuntest, l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni¹⁶ tenfasizza l-ħtieġa li ssir enfasi fuq l-iżvilupp tat-talent fis-settur tat-teknoloġija profonda. Għal dan il-għan, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ġie fdat bil-koordinazzjoni tal-inizjattiva tat-Talenti fit-Teknoloġija Profonda, li għandha l-għan li tħarreġ miljun talent fl-oqsma tat-teknoloġija profonda sal-2025 fl-Istati Membri. Inizjattivi strateġiċi oħra tal-Kummissjoni jinkludu l-Akkademja għall-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà, li diġà tnediet u li għandha l-għan li tippromwovi l-ħiliet taċ-ċibersigurtà u żżid l-għadd ta' professjonisti taċ-ċibersigurtà fl-Ewropa¹⁷.
11. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 ippropona l-iżvilupp ta' Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali biex jittejbu t-trasparenza u r-rikonoxximent taċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali. Filwaqt li diġà sar xogħol biex jiġu stabbiliti standards għall-professjoni tal-ICT, li jkopri s-setturi kollha tal-ICT b'korp ta' għarfien stabbilit sew li ġie adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC)¹⁸, hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġi attirat grupp akbar u aktar diversifikat ta' talent fis-settur diġitali. Kif iddikjarat fil-pakkett tal-2022 dwar il-ħiliet u t-talent¹⁹, sabiex tibqa' kompetittiva globalment, jeħtieġ li l-UE ssir aktar attraenti għat-talent minn madwar id-dinja. Id-Direttiva dwar il-Karta Blu,²⁰ li kienet adottata fl-2021, tagħmilha aktar faċli għall-migranti b'livell għoli ta' ħiliet biex jingħaqdu mal-forza tax-xogħol tal-UE, inkluż billi tiffaċilita r-rikonoxximent tal-ħiliet professjonali tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda tniedi, flimkien mal-Istati Membri interessati, Sħubiji ta' Talent ma' pajjiżi sħab ewlenin. Dawn is-sħubiji jiġbru flimkien l-appoġġ dirett għall-iskemi ta' mobilità mal-bini tal-kapaċitajiet u l-investimenti fil-kapital uman. Is-Sħubijiet tat-Talent huma miftuħa għal-livelli kollha ta' ħiliet u jistgħu jikkonċernaw diversi setturi tas-suq tax-xogħol, bħall-ICT.

¹⁶ COM(2022)332 final.

¹⁷ COM(2023)207 final.

¹⁸ Il-Qafas Ewropew għall-Kompetenza fl-Elettronika (e-CF) bħalissa huwa miżmum minn "CEN/TC 428 - ICT Professionalism and Digital Competences" (CEN/TC 428 - Professjonaliżmu tal-ICT utal-Kompetenzi Diġitali tal-ICT").

¹⁹ COM(2022)657 final.

²⁰ Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1).

12. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni diġitali fis-soċjetajiet tal-ġharfien tal-Ewropa²¹ jappellaw għal edukazzjoni diġitali li tkopri l-litteriżmu tal-media, diġitali u tad-data, il-ħsieb kritiku u l-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u ta' ħsara, u l-bullying fuq l-internet u l-vizzju. Barra minn hekk, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-benesseri fl-edukazzjoni diġitali²² jirriflettu fuq il-ħtieġa li jitqies ir-rwol ewlieni li għandhom il-ħiliet diġitali biex jiġi żgurat il-benesseri tal-atturi kollha involuti fil-proċess tat-tagħlim u tal-apprendiment.
13. Fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali huwa żgurat permezz ta' diversi approċċi²³ u kull livell ta' edukazzjoni u taħriġ jiffaċċa sfidi differenti²⁴. Barra minn hekk, meta jitqies li t-tfal qed jinteraġixxu ma' teknoloġiji diġitali minn età dejjem iżgħar u l-aktar mid-dar²⁵, għalliema diġitalment kompetenti fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ lill-familji u lit-tfal żgħar biex jifhmu aħjar l-opportunitajiet u r-riskji tad-dinja diġitali b'mod aktar ugwali u inklużiv. F'dan il-kuntest, huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li t-tfal ikunu jistgħu jinnavigaw b'mod sikur l-ambjent diġitali u jisfruttaw l-opportunitajiet tiegħu, kif ukoll li jiġi antiċipat u miġġieled l-użu ħażin mill-istudenti tal-IA u teknoloġiji emerġenti oħra, billi jiġi promoss fehim tajjeb ta' dawn it-teknoloġiji u jiġi spjegat kif jista' jiġi sfruttat b'mod sikur il-potenzjal tagħhom.

²¹ ĠU C 415, 1.12.2020, p. 22.

²² ĠU C 469, 9.12.2022, p. 19.

²³ Ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19 fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ĠU C 212, I, 26.6.2020, p. 9), il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni diġitali fis-soċjetajiet tal-ġharfien tal-Ewropa (ĠU C 415, 1.12.2020, p. 22) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-benesseri fl-edukazzjoni diġitali (ĠU C 469, 9.12.2022, p. 19).

²⁴ Ara, fost l-oħrajn, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal (ĠU C 189, 5.6.2019, p. 4) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14).

²⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Chaudron, S., Di Gioia, R., Gemo, M., Young Children (0–8) and Digital Technology — A quality study across Europe (It-Tfal Żgħar (0-8) u t-Teknoloġija Diġitali - Studju Kwalitattiv madwar l-Ewropa), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2017.

14. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċi ta' taġħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva²⁶ tappella speċifikament għal sforzi biex tingħata spinta lill-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-istudenti u tal-ġħalliema, b'kont meħud tad-distakk diġitali u d-distakk diġitali bejn il-ġeneri. F'dan il-kuntest, id-djalogu strutturat ikkonferma li fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, il-ħiliet diġitali huma żviluppati b'taħlita ta' approċċi²⁷ u li ħafna Stati Membri qed jirrieżaminaw il-kurrikuli tagħhom sabiex jippromwovu aħjar il-ħiliet diġitali (jew bħala suġġett dedikat jew inkella integrat fi ħdan jew fost is-suġġetti). Xejra emerġenti oħra f'xi Stati Membri hija l-introduzzjoni tal-informatika²⁸ jew il-ħsieb komputazzjonali bħala suġġetti separati jew l-inklużjoni tagħhom f'qasam kurrikulari ewlieni eżistenti bħall-matematika jew ix-xjenza. Irrispettivament mill-ġħażliet tal-kurrikulu, jeħtieġ li tiġi promossa edukazzjoni ta' kwalità f'dawn l-oqsma, appoġġata minn metodi ta' taġħlim xierqa għall-età u għall-iżvilupp, riżorsi ta' kwalità, adozzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri, rappreżentanza, u evalwazzjoni xierqa²⁹.

-
- ²⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2021 dwar approċċi ta' apprendiment imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva (ĠU C 504, 14.12.2021, p. 21).
- ²⁷ Pereżempju l-approċċ transkurrikulari, l-introduzzjoni ta' suġġett separat, jew l-inklużjoni ta' ħiliet diġitali f'suġġett ieħor. Għal aktar dettalji ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal SWD (2023) 205 final.
- ²⁸ F'din ir-Rakkomandazzjoni, l-informatika titqies bħala dixxiplina xjentifika distinta, ikkaratterizzata mill-kunċetti, mill-metodi, mill-korp ta' ġħarfien tagħha stess, u kwistjonijiet miftuħa. Din tkopri l-pedamenti ta' strutturi, proċessi, artefatti u sistemi komputazzjonali, u d-disinji tas-software tagħhom, l-applikazzjonijiet tagħhom, u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà. F'ċerti Stati Membri din id-dixxiplina hija magħrufa bħala xjenza tal-kompjuter.
- ²⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura, Informatics education at school in Europe (L-Edukazzjoni Informatika fl-Iskejjel fl-Ewropa), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022.

15. Firxa ta' atti tal-Kunsill³⁰ enfasizzaw l-importanza tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fil-livelli kollha u fit-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ. Huma jinkoraġġixxu sforzi kbar għall-promozzjoni tal-eċċellenza fl-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi diġitali għall-istudenti kollha fl-iskejjel, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), l-edukazzjoni għolja, l-apprendiment għall-adulti u għal-livelli kollha tal-ħiliet diġitali, minn bażiċi sa avvanzati. Barra minn hekk, dawn l-atti jissottolinjaw li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma strumentali biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali fl-Ewropa u li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom rwol importanti fl-integrazzjoni effettiva tal-ħiliet diġitali fl-attivitajiet kollha tagħhom, pereżempju billi jipprovdu offerta ta' taġlim li tindirizza lill-professjonisti tal-ICT u tipprovdi ħiliet diġitali fil-kurrikuli speċifiċi għas-settur.

³⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1), il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol (15134/22), il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħa l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa (ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u l-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10).

16. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali³¹ jipproponi miri ċari għall-parteċipazzjoni tal-adulti fit-taħriġ (60 % sal-2030), inkluż fil-qasam tal-ħiliet diġitali. Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea ġdida għat-tagħlim tal-adulti 2021-2030³² tiffoka, fost affarijiet oħra, fuq opportunitajiet ta' tagħlim formali, mhux formali u informali għall-adulti, speċifikament kif jistgħu jiżdiedu u jittejbu l-forniment, il-promozzjoni u l-adozzjoni tal-apprendiment għall-adulti, inkluż fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti ³³tirrikonoxxi l-ħiliet diġitali bħala waħda mit-tliet ħiliet bażiċi li l-adulti kollha jenħtieġ li jiżviluppaw. Minkejja l-attenzjoni politika, il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-taħriġ hija waħda baxxa, inkluż fil-qasam tal-ħiliet diġitali, u l-forniment ta' ħiliet diġitali għall-adulti huwa mifrux u irregolari³⁴. L-Istati Membri qed jippruvaw jindirizzaw dan permezz ta' inizzjattivi eżistenti u ġodda inklużi fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza u billi jinvolvu diversi partijiet ikkonċernati bħal istituzzjonijiet tas-settur soċjali, tal-volontarjat, tas-settur mhux governattiv u dawk tal-edukazzjoni mhux formali. Il-kontijiet individwali tal-apprendiment, kif stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill relatata³⁵ jaf jgħinu biex jiżdiedu n-numru ta' nies li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena permezz ta' taħlita ta' inċentivi, inkluż dawk finanzjarji.

³¹ COM(2021)102 final.

³² ĠU C 504, 14.12.2021, p. 9.

³³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti (ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1).

³⁴ Beblavý, M., Bačová, B., Literature review on the provision of digital skills for adult (Litteratura eżistenti dwar il-forniment tal-ħiliet diġitali għall-adulti), rapport tan-Network ta' Esperti Ewropew dwar l-Ekonomija tal-Edukazzjoni (EENEE), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022. Righi, R., Lopez Cobo, M., Papazoglou, M., Samoilu, S., Cardona, M., Vazquez-Prada Baillet, M. u De Prato G., Academic Offer of Advanced Digital Skills in 2020-21. International Comparison (Offerta Akkademika ta' Ħiliet Diġitali Avvanzati fl-2020-21. Paragun Internazzjonali), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022.

³⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26).

17. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ġhalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur³⁶ jenfasizzaw li l-ġhalliema huma forza li tixpruna li jeħtieġ li jkunu involuti fil-ħolqien ta' politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ iżda li jeħtieġ li jiġu appoġġati wkoll permezz ta' approċċ komprensiv għall-edukazzjoni inizjali tagħhom, id-dħul tagħhom fid-dinja tax-xogħol u l-iżvilupp professjonali kontinwu. Huwa fil-qasam tal-kompetenza diġitali li l-biċċa l-kbira tal-ġhalliema jħossu ħtieġa qawwija għall-iżvilupp professjonali³⁷. Barra minn hekk, id-djalogu strutturat enfasizza l-isfidi li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jiffaċċaw fir-reklutaġġ, fiż-żamma u fit-tnejn tal-ġhalliema, speċjalment fl-informatika (għall-edukazzjoni primarja/sekondarja u l-VET) jew floqsma diġitali speċifiċi/avanzati oħrajn (għall-edukazzjoni għolja).
18. Diversi inizjattivi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, pereżempju l-Akkademji tal-Ġhalliema tal-Erasmus+, għandhom l-għan li jappoġġaw għall-ħarrieġa, edukaturi u mexxejja tal-iskejjel kompetenti, motivati u bi kwalifiki għoljin, u li jippromwovu l-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, inkluż fil-qasam tal-ħiliet diġitali. Barra minn hekk, il-Ġimgħa tal-UE tal-Ikkowdjar u l-Hackathon tal-Edukazzjoni Diġitali beħsiebhom jippromwovu l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-innovazzjoni fil-livell lokali fl-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali. Bl-istess mod, l-Istrateġija Ewropea għal internet aħjar għat-tfal (BIK+)³⁸ tippromwovi l-ħidma mal-partijiet ikkonċernati inkluż permezz tan-network ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur, biex jinħoloq internet aktar sikur għat-tfal. Dawn l-inizjattivi jappoġġaw l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi diġitali fis-settur mhux formali u jenħtieġ li jiġu promossi aktar bħala mezz biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali bl-użu ta' approċċ integrat, bil-parteciġazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

³⁶ ĠU C 193, 9.6.2020, p. 11.

³⁷ OECD, Riżultati tat-TALIS 2018 (Volum I): Teachers and school leaders as lifelong learners (Għall-ħarrieġa u Mexxejja tal-Iskejjel bħala Studenti Tul il-Ħajja), OECD Publishing, Pariġi, 2019.

³⁸ COM(2022)212 final.

19. Il-kumpaniji għandhom rwol kruċjali fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid tal-persunal tagħhom, iżda jeżistu diskrepanzi kbar. Skont id-data tal-Eurostat tal-2022, proporzjon żgħir biss ta' SMEs (20,9 %) ipprovdew taħriġ lill-persunal kollu tagħhom biex itejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-ICT, meta mqabbel ma' 69,5 % tal-kumpaniji l-kbar³⁹. Il-Patt għall-ħiliet jistieden lin-negozji, lis-sħab soċjali u lill-organizzazzjonijiet pubbliċi biex jingħaqdu flimkien u jieħdu azzjoni konkreta biex itejbu l-ħiliet u jħarrġu mill-ġdid lill-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, il-Koalizzjoni għall-ħiliet u l-Impjiegi Diġitali tiġbor flimkien Stati Membri, kumpaniji, sħab soċjali, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u fornituri tal-edukazzjoni biex jaħdmu flimkien biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet diġitali fl-Ewropa.
20. Il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza juru l-impetu politiku tal-Istati Membri għal aktar żvilupp tal-ħiliet diġitali għall-istudenti, għall-għalliema u għall-forza tax-xogħol u għall-iżgurar ta' qafas legali adegwat u t-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa għal dak l-għan. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri żviluppaw strateġiji għall-ħiliet diġitali, huwa importanti wkoll li jiġi previst perkors koerenti u progressiv li jgħaddi mil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ⁴⁰. Rapport reċenti mill-Kummissjoni dwar l-investimenti ta' kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ⁴¹ jenfasizza l-ħtieġa għal valutazzjoni tal-impatt tad-diversi programmi dwar l-eżiti tal-apprendiment tal-istudenti. Il-kwistjoni hija ta' natura ġenerali u tapplika bl-istess mod għall-ħiliet diġitali. Is-sejbiet jenfasizzaw ukoll li l-użu tat-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim u l-apprendiment jista', jekk ikun ippjanat u mfassal kif xieraq, joffri opportunitajiet enormi biex tingħata spinta lill-eżiti edukattivi. Fl-istess ħin, huwa vitali li jittaffew ir-riskji tal-esklużjoni diġitali jew l-użu mhux xieraq tat-teknoloġija.

³⁹ Eurostat (2022). Intrapriżi li pprovdew taħriġ għall-iżvilupp/l-aġġornament tal-ħiliet tal-ICT tal-persunal tagħhom skont il-klassi tad-daqs tal-intrapriża.

⁴⁰ Kif indikat fid-dokument ta' ħidma tal-persunal SWD (2023) 205 final u r-rapport Eurydice tal-2022 (Kummissjoni Ewropea, Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura, Edukazzjoni dwar l-Informatika fl-Iskola fl-Ewropa, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022).

⁴¹ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, Investing in our future: Quality investment in education and training (Ninvestu fil-ġejjieni tagħna: Investiment ta' kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022.

21. Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. L-Istati Membri ser jiddeċiedu, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, kif ser jimplementaw ir-Rakkomandazzjoni,

JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

1. Jaqblu, preferibbilment permezz ta' approċċ ta' gvern sħiħ, u bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati ewlenin, dwar strateġiji jew approċċi strateġiċi għall-edukazzjoni u l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fuq livell nazzjonali, u fejn xieraq dak reġjonali, li jkunu koerenti u konsistenti, żviluppati, imsaħħa jew aġġornati aktar ispirati mill-prinċipji ta' din ir-Rakkomandazzjoni, u jimmonitorjaw l-effettività u l-impatt tagħhom. Fit-twettiq tal-istrateġiji jew l-approċċi strateġiċi tagħhom, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
 - a) jistabbilixxu jew jirrieżaminaw objettivi nazzjonali għall-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali u jiżguraw ir-rieżami u l-aġġornament regolari tagħhom;
 - b) fejn rilevanti, iqisu fl-objettivi nazzjonali l-prijoritajiet strateġiċi tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali tal-Kummissjoni 2021–2027; fejn possibbli, jibnu fuq dan il-proċess biex jinformaw il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri skont il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali;
 - c) jidentifikaw "gruppi ta' prijorità jew li diffiċli jintlaħqu"⁴² u jistabbilixxu miżuri xierqa biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom f'edukazzjoni formali u mhux formali għall-ħiliet diġitali, filwaqt li jitqiesu l-aċċessibilità, id-diskrepanzi territorjali⁴³ u soċjoekonomiċi fil-ħiliet diġitali;

⁴² Pereżempju, daww li jgħixu f'żoni rurali, gruppi żvantaġġati jew marġinalizzati bħal persuni b'diżabilità, Rom u nazzjonali ta' pajjiżi terzi b'għarfien limitat tal-pajjiż ospitanti, u daww b'livell baxx jew medju ta' edukazzjoni, jew li mhu qed jirċievu ebda edukazzjoni, m'għandomx impjieg jew li mhu qed isegwu ebda taħriġ.

⁴³ Eż. reġjuni urbani/rurali, remoti u ultraperiferiċi, territorji transfruntiera.

- d) ifittxu approċċ koerenti u adatt għall-età għall-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, minn perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja billi dan ikun strutturat mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, għall-edukazzjoni primarja, sekondarja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, għall-edukazzjoni għolja u l-apprendiment għall-adulti b'mod progressiv, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u mas-sħab soċjali, filwaqt li jintlaħaq fehim konġunt tal-aspetti ewlenin li għandhom jiġu koperti fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għal gruppi ta' età u livelli u tipi ta' edukazzjoni u taħriġ speċifiċi;
- e) jindirizzaw b'mod koerenti l-ispettru sħiħ tal-ħiliet diġitali, mill-ħiliet diġitali bażiċi sa dawk avvanzati fis-setturi kollha tas-suq tax-xogħol, inkluż għall-professionisti tal-ICT;
- f) jirsistu għal monitoraġġ, evalwazzjoni u valutazzjoni rilevanti u metodoloġikament sodi tal-inizjattivi edukattivi u tal-programmi ta' taħriġ dwar il-ħiliet diġitali fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali biex juru u jtejbu l-effettività u l-kwalità tal-azzjonijiet meħuda, filwaqt li jevitaw piżijiet amministrattivi eċċessivi;
- g) jikkontribwixxu għall-apprendiment bejn il-pari, għall-iskambju ta' Prattiki u għall-koordinazzjoni, inkluż bejn is-setturi politiċi, fil-livell Ewropew u globali, sabiex jinstabu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi transkontinentali, internazzjonali u interreġjonali.

2. Jibdew minn kmieni billi jiggwidaw lill-istudenti fid-dinja diġitali u joffru opportunitajiet indaqs għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali li huma xierqa għall-età tal-istudenti. Jippromwov u l-benesseri tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-gruppi vulnerabbli, u jikkunsidraw bilanċ xieraq bejn l-użu ta' apparat diġitali u forom oħra ta' apprendiment. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) f'konformità mal-prijoritajiet ġenerali tal-ECEC, jappoġġaw lill-istudenti preprimarji u speċjalment lill-ġenituri, lill-persuni li jindukraw u lill-familji tagħhom biex jiżviluppaw kompetenzi diġitali rilevanti, u biex ikunu konxji tal-opportunitajiet u r-riskji li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni u jifhemuhom aħjar;
 - b) jużaw attivitajiet xierqa għall-età u l-iżvilupp, pereżempju, f'attivitajiet ta' edukazzjoni diġitali mingħajr fili u mingħajr skrin tal-ECEC⁴⁴ u apprendiment permezz tal-logħob tal-kompetenzi digitali⁴⁵ f'konformità mal-iżvilupp soċjoemozzjonali u konjittiv tat-tfal.
3. Isaħħu aktar il-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, kif ukoll fil-VET. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-forniment tal-ħiliet meħtieġa biex ikun jista' jsir fehim xieraq tat-teknoloġiji diġitali u interazzjoni sinifikanti, sana, sikura u sostenibbli mat-teknoloġiji diġitali u oħrajn rilevanti u l-funzjonament tagħhom, inkluż sistemi ta' IA ġenerattiva. Għandhom jiġu mħeġġa wkoll prattiki individwali u kollettivi sikuri li jindirizzaw ir-riskji tal-iperkonnnettività u l-bullying ċibernetiku, speċjalment dawk li jiffaċċaw gruppi vulnerabbli.

⁴⁴ Pereżempju, attivitajiet edukattivi li jippromwov u l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali mingħajr l-użu ta' apparat diġitali.

⁴⁵ Pereżempju, approċċi pedagoġiċi dwar il-ħiliet diġitali fejn it-tfal żgħar jistgħu jesploraw, jesperimentaw, jiskopru, u jsolvu problemi b'modi immaġinattivi u bil-logħob.

4. Jespandu, fejn xieraq, l-approċ transkurrikulari (jiġifieri l-ħiliet diġitali mgħallma b'mod trażversali f'suġġetti differenti) u jtejbu l-valutazzjoni u t-taħriġ tal-ġhalliema. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) jappoġġaw approċi transkurrikulari għall-forniment ta' ħiliet u kompetenzi diġitali fil-livelli kollha u fit-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ u jippromwovu l-valutazzjoni transkurrikulari tal-ħiliet diġitali, b'mezz u frekwenza komparabbli mal-valutazzjoni ta' ħiliet bażiċi oħra, sabiex jinżamm rekord tal-progress;
 - b) [jindirizzaw, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali, l-ostakli għall-approċ transkurrikulari billi jħeġġu taħriġ ta' kwalità dwar l-użu tat-teknoloġija diġitali fil-programmi inizjali kollha tal-edukazzjoni tal-ġhalliema għall-ġhalliema ta' qabel is-servizz, u jappoġġaw lill-fornituri ta' dawk il-programmi bir-riżorsi u l-faċilitajiet meħtieġa;]
 - c) jieħdu azzjoni konċertata biex inaqqsu d-distakk bejn il-ġeneri fil-livell ta' ħiliet diġitali bejn l-ġhalliema nisa u rġiel;
 - d) jippromwovu l-użu fil-klassijiet tal-"Linji Gwida għall-ġhalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ"⁴⁶ u s-sett ta' għodod dwar kif tista' tiġi identifikata u miġġielda d-diżinformazzjoni, kif ukoll il-"Linji Gwida etiċi għall-edukaturi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u d-data fit-tagħlim u fl-apprendiment"⁴⁷;

⁴⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, Linji Gwida għall-ġhalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

⁴⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, il-Linji Gwida etiċi għall-edukaturi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u d-data fit-tagħlim u fl-apprendiment, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

- e) iħeġġu u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-iskejjel fil-Hackathon tal-Edukazzjoni Diġitali u fil-Ġimgħa Ewropea tal-Ikkowdjar bħala icebreaker biex jitneħħa kwalunkwe ostaklu għall-integrazzjoni ta' approċċ transkurrikulari għall-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fil-prattiki tat-tagħlim ta' kuljum b'mod innovattiv u attraenti. Din il-parteċipazzjoni għandha tiġi ingranata biex tappoġġa strateġiji u politiki ġodda tal-iskejjel jew lokali/reġjonali;
- f) irawmu approċċ interdixxiplinari li jintegra l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali f'oqsma ta' suġġetti differenti, speċjalment fl-edukazzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM).
5. Ikomplu jtejbu l-miżuri għar-reklutaġġ u t-taħriġ tal-ġhalliema b'għarfien espert fl-oqsma tal-informatika jew il-ħsieb komputazzjonali fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, u t-teknoloġiji diġitali avvanzati fl-edukazzjoni għolja, filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa tagħhom għal firxa varjata ta' ħiliet pedagoġiċi u didattiċi. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) jikkunsidraw inizzjattivi li għaddejjin, bħall-Patt għall-Ħiliet u l-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali, jew inizzjattivi ġodda biex jappoġġaw skambju u kollaborazzjoni bidirezzjonali bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u s-settur privat⁴⁸, sabiex jippermettu li:
- i) professjonisti li jaħdmu fis-settur diġitali (pereżempju fl-informatika) jappoġġaw lill-ġhalliema tal-klassijiet fil-livell primarju jew sekondarju (kif ukoll fil-VET); u
- ii) għalliema jiksbu ħiliet speċifiċi fil-qasam tal-informatika jew tal-ħsieb komputazzjonali u fl-oqsma speċifiċi tat-teknoloġija diġitali (pereżempju l-IA, iċ-ċibersigurtà).
- b) fejn rilevanti, jaġġornaw l-offerta ta' żvilupp professjonali kontinwu bħala appoġġ biex jinħolqu opportunitajiet speċifiċi ta' apprendiment li jippermettu aktar professjonalizzazzjoni fl-informatika jew fil-ħsieb komputazzjonali.

⁴⁸ Is-settur primarju, sekondarju u terzjarju.

6. Jappoġġaw edukazzjoni ta' kwalità għolja fl-informatika jew fil-ħsieb komputazzjonali fil-livell primarju u sekondarju filwaqt li jqisu kuntesti speċifiċi. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) irawmu l-forniment ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja f'dawn l-oqsma mill-bidu tal-edukazzjoni obbligatorja, b'objettivi ċari ta' apprendiment, ħin iddedikat u valutazzjoni strutturata, bl-għan li l-istudenti kollha jingħataw l-opportunità li jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tagħhom permezz ta' metodi pedagoġiċi xjentifikament tajbin;
 - b) jiżguraw li t-tagħlim u l-apprendiment dwar l-informatika jew il-ħsieb komputazzjonali, kemm jekk bħala suġġett speċifiku jew mogħti b'mod transkurrikulari, jiġi pprovdut minn għalliema kwalifikati b'aċċess għal riżorsi ta' apprendiment ta' kwalità u aċċessibbli u b'kont meħud tad-daqsijiet u l-kuntesti tal-iskejjel u bil-valutazzjoni xierqa tal-eżiti tal-apprendiment;
 - c) jippromwovu d-diversità u l-adozzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri u t-tnaqqis ta' kwalunkwe sterjotip possibbli fit-tagħlim u fl-apprendiment tal-informatika u l-ħsieb komputazzjonali. Dan għandu jiġi appoġġat mir-riċerka, l-ewwel nett dwar l-ostakli kulturali, soċjoekonomiċi u istituzzjonali għall-aspirazzjonijiet tal-bniet u l-aċċess għas-settur diġitali (inkluż bniet bi sfond razzjali jew etniku minoritarju) u t-tieni dwar l-impatt tal-kotba u riżorsi oħrajn li jgħallmu suġġetti diġitali b'mod aktar inklużiv;

- d) jippromwovu l-kooperazzjoni permezz tal-iskambju ta' prattiki tajbin fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-edukazzjoni u t-taħriġ dwar l-iżvilupp, it-twettiq u l-valutazzjoni tal-kurrikulu, kif ukoll il-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tat-taħriġ tal-ġhalliema tal-Istati Membri fl-Akkademji tal-Ġhalliema tal-Erasmus+ u inizjattivi rilevanti oħra.
7. Iħeġġu l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati u speċjalizzati fil-VET, inkluż dwar l-IA, it-teknoloġija profonda u f'oqsma ta' kapaċità ewlenin oħrajn. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) isaħħu l-forniment tal-ħiliet diġitali u jiffaċilitaw l-aċċess mill-istudenti (kemm fil-VET inizjali kif ukoll f'dak kontinwu) għall-ħiliet diġitali avvanzati u speċjalizzati li huma dejjem aktar meħtieġa għal ħafna profili vokazzjonali, inkluż permezz ta' apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol u kollokamenti ta' apprendistat, programmi interdixxiplinari jew korsijiet qosra li jwasslu għall-mikrokredenzjali;
- b) jappoġġaw lill-istudenti tal-VET fil-kisba tal-ħiliet diġitali meħtieġa biex, pereżempju, jirrikonoxxu l-użu tal-IA u jużaw teknoloġiji immersivi bħar-realtà virtwali, ir-realtà awmentata, is-simulazzjoni u l-logħob kif ukoll l-apprendiment adattiv u jieħdu l-passi meħtieġa biex jattiraw aktar studenti lejn programmi vokazzjonali f'oqsma bħall-IA, iċ-ċibersigurtà u l-iżvilupp tas-software, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

8. Irawmu l-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' ħiliet u kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni għolja u l-indirizzar ta' diskrepanzi kontinwi u emerġenti. B'mod partikolari, u b'kunsiderazzjoni xierqa għal-libertà akkademika u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) iħeġġu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jippromwovu l-forniment ta' ħiliet u kompetenzi diġitali li jkunu kemm ġenerali kif ukoll, fejn rilevanti, speċifiċi għas-settur, u jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-atturi rilevanti kollha dwar l-iżvilupp, it-twettiq u l-valutazzjoni tal-kurrikulu. Dan jista' jinkludi, pereżempju:
 - i) opportunitajiet ta' apprendiment u korsijiet għall-iżvilupp tal-kompetenza diġitali fil-livelli u d-dixxiplini kollha bl-oġettiv li jissahhaq il-forniment għall-istudenti kollha, irrispettivament mis-settur tal-karriera professjonali tagħhom;
 - ii) opportunitajiet ta' apprendiment flessibbli, adattati, u aċċessibbli b'mod diġitali dwar ħiliet diġitali avvanzati u speċjalizzati, inkluż permezz ta' korsijiet qosra li jistgħu jwasslu għal mikrokredenzjali.
 - b) jiffaċilitaw u jħeġġu skambji bejn setturi differenti tal-industrija (inkluż SMEs) jew gruppi professjonali u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja biex jiżviluppaw korsijiet interdixxiplinari u jintegraw aktar korsijiet avvanzati u speċjalizzati dwar il-ħiliet diġitali fil-lawrji kollha u jirrispondu għal ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol;
 - c) jipprovdu appoġġ għat-trasparenza u l-assigurazzjoni tal-kwalità, u għar-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi u, jekk xieraq, tal-mikrokredenzjali dwar il-ħiliet diġitali;

- d) jirrikonoxxu l-isforzi tal-persunal tat-tagħlim u tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jissaħħaħ il-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali lill-istudenti kollha. iħeġġu u jippromwovu u l-mobilità tal-persunal tat-tagħlim bejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u, fejn rilevanti, bejn l-akkademja u s-settur privat;
 - e) jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex iħeġġu lill-istudenti, u b'mod partikolari lin-nisa, biex dawn jibdew u jiffinalizzaw studji li jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' ħiliet avvanzati f'għadd ta' oqsma diġitali (eż. hardware, software, disinn diġitali, integrazzjoni diġitali, xjenza tad-data, IA jew ċibersigurtà) u l-promozzjoni, fejn rilevanti, l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati fost dixxiplini oħra.
9. Jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tal-adulti u joffru opportunitajiet indaqs. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) jintegraw l-opportunitajiet ta' ħiliet diġitali fis-sistema tal-apprendiment għall-adulti, pereżempju billi jintegrawhom, fejn rilevanti, fl-istrateġiji nazzjonali tal-ħiliet, u jiżguraw attenzjoni adegwata u appoġġ għall-implimentazzjoni ta' miżuri fil-livelli kollha tal-ħiliet diġitali, inkluż fl-edukazzjoni u t-taħriġ mhux formali;
 - b) jippromwovu sħubijiet pubbliċi-privati, inkluż fost atturi bħas-sħab soċjali, l-awtoritajiet nazzjonali u lokali, l-iskejjel lokali u ċ-ċentri komunitarji, u assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u gruppi fis-soċjetà ċivili diġitali, l-industrija u setturi oħrajn, biex ifasslu, jiżviluppaw, iwettqu, jimmonitorjaw u jevalwaw programmi u inizjattivi ġodda li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi ta' apprendiment għall-adulti, inkluż għal apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol. L-iskambju ta' prattiki għandu jiġi promoss fil-livell tal-UE dwar l-iżvilupp, it-twassil u l-valutazzjoni tal-kurrikulu;

- c) imexxu kampanji mmirati ta' sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-ħiliet diġitali u jipprovdu appoġġ speċifiku għal dawk l-adulti l-aktar f'il-bżonn li jiżviluppaw il-ħiliet diġitali tagħhom inkluż l-aċċess għall-gwida għall-karriera;
 - d) jippromwovu u jirrikonoxxu taħriġ regolari għall-adulti dwar il-ħiliet diġitali, jiġifieri fi ħdan il-forniment eżistenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u billi jużaw, fejn applikabbli, kontijiet individwali tal-apprendiment, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill relatata⁴⁹. Jinkludu, fost il-korsijiet disponibbli, opportunitajiet ta' taħriġ b'assigurazzjoni ta' kwalità għal livelli differenti ta' ħiliet diġitali f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà kollha kemm hi. L-impjegaturi għandhom jiġu mħeġġa u motivati jagħtu prijorità lit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-impjegati matul il-ħin tax-xogħol;
 - e) isaħħu l-isforzi biex il-kumpaniji jiġu inkorporati aħjar, b'mod partikolari l-SMEs u n-negozji ġodda, fl-ekosistemi settorjali, industrijali u nazzjonali eżistenti, sabiex jiġu pprovduti bl-appoġġ meħtieġ, inkluż il-kondiviżjoni tal-għarfien, il-gwida u l-opportunitajiet ta' apprendiment;
 - f) iħeġġu u jippromwovu l-ħolqien ta' Koalizzjonijiet lokali u reġionali addizzjonali tal-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali biex jiġu żviluppati miżuri konkreti għall-ħiliet diġitali f'konformità mal-ħtiġijiet lokali u reġionali.
10. Jippromwovu l-iżvilupp tar-rikonoxximent u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali, b'mod partikolari fi ħdan il-proċessi eżistenti. F'dan ir-rigward, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) jappoġġaw u jippromwovu r-rikonoxximent u/jew iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali fl-livelli u tipi differenti ta' edukazzjoni u taħriġ, inkluż dawk miksuba permezz ta' taħriġ ipprovdut permezz ta' kontijiet individwali tal-apprendiment jew miżuri oħra ta' finanzjament;

⁴⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26).

- b) iħeġġu, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, ir-rikonoxximent ta' ċertifikati u kwalifiki tal-ħiliet diġitali, inkluż mikrokredenzjali, anke meta tkun qed issir ħidma biex jiġi ssodisfat l-impenn li jittieħdu passi biex jiġi introdott rikonoxximent reċiproku awtomatiku⁵⁰ tal-kwalifiki sal-2025;
 - c) jipprovdu inċentivi fejn xieraq u jagħtu viżibilità lill-ħiliet diġitali għall-apprendiment jew għall-progressjoni tal-karriera billi jiffaċilitaw l-identifikazzjoni, id-dokumentazzjoni, il-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom kemm jekk miksuba permezz ta' apprendiment formali kif ukoll mhux formali jew informali. Il-persuni li jirreklutaw u n-nazzjonali ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu assistiti fil-passi kollha relatati mar-rikonoxximent u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki;
 - d) isegwu l-iżvilupp ta' Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali.
11. Jiżviluppaw approċċ strateġiku u sistematiku biex jindirizzaw in-nuqqas ta' professjonisti tal-ICT. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) jużaw it-tbassir tal-ħiliet biex jivvalutaw il-ħtiġijiet futuri għall-ħiliet diġitali fost gruppi fil-mira differenti fis-suq, b'mod partikolari dawk tal-SMEs u jwettqu riċerka biex jifhmu aħjar id-diskrepanzi fil-ħiliet diġitali;
 - b) jikkunsidraw, fl-istrateġiji u fil-pjanijiet ta' azzjoni jew fl-approċċi strateġiċi nazzjonali, inizjattivi li jindirizzaw nuqqasijiet speċifiċi ta' ħiliet diġitali (pereżempju fiċ-ċibersigurtà, l-IA u r-robotika) li huma rilevanti fil-livell nazzjonali, u jqisu l-inizjattiva tal-Akkademja tal-Ħiliet Ċibernetiċi;

⁵⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1).

- c) jattiraw u jżommu t-talenti minn barra billi jagħmlu użu sħiħ mid-Direttiva dwar il-Karta Blu⁵¹ u mis-Sħubijiet ta' Talent, u jsaħħu l-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn biex jiġu skambjati prattiki u soluzzjonijiet biex jattiraw individwi b'talent diġitali lejn l-Unjoni u jiffaċilitaw il-mobilità tagħhom, fejn applikabbli;
- d) isegwu approċċ aktar strateġiku u sistematiku għat-taħriġ u l-attrazzjoni ta' speċjalisti tal-ICT, inkluż minn pajjiżi terzi, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs;
- e) jipprovdu gwida komprensiva dwar il-karriera u l-istudju fil-livell tal-iskola, tal-VET u tal-edukazzjoni għolja biex jistimulaw l-interess fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari fost il-bniet u n-nisa żgħażaġh, biex jagħmlu korsijiet fl-ICT u/jew jidħlu f'karriera bħala professjonisti tal-ICT. Għandhom isiru kampanji mmirati biex jindirizzaw il-prekunċetti rigward l-aċċessibilità ta' karrieri teknoloġiċi (b'mod partikolari jindirizzaw lil dawk li ma għandhomx sfond tal-ICT) u l-perkorsi differenti possibbli ta' karriera meta jistudjaw l-ICT. Għandhom jintużaw diversi mezzi ta' komunikazzjoni biex jilhq segmenti differenti, u biex jenfasizzaw il-possibilità li jkun hemm karriera sinifikanti tal-ICT li tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà;
- f) jagħtu prijorità, f'konformità mad-dikjarazzjoni *Impenn dwar in-nisa fl-era diġitali*, u f'sinerġija ma' inizjattivi rilevanti mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, lil sforzi mmirati lejn l-indirizzar tal-preġudizzju relatat mal-ġeneru, sabiex jitnaqqas id-distakk bejn il-ġeneri u fil-paġi fl-ICT u jiġu pprovduti opportunitajiet immirati ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet lill-bniet u lin-nisa fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, u b'hekk jirrikonossu l-valur tal-kontribut u tat-talent tagħhom;
- g) iżidu l-attrawenza tas-settur diġitali għan-nisa, pereżempju billi jaħdmu mal-Koalizzjonijiet nazzjonali dwar il-ħiliet u l-impjiegi Diġitali biex jiżviluppaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni u jfasslu messaġġi nazzjonali;

⁵¹ Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1).

- h) joħolqu opportunitajiet għall-iskejjel, għall-fornituri tal-VET u għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja biex jattiraw lill-istudenti lejn karrieri diġitali (pereżempju billi jorganizzaw jiem miftuħa, jiem tal-familja u seminars u billi jippromwovu l-parteċipazzjoni finizjattivi bħall-Innovation Talent Platform, il-Ġimgħa Ewropea tal-Ikkowdjar, il-Hackathon tal-Edukazzjoni Diġitali, u attivitajiet ekstrakurrikulari).
12. Jipprovdu l-finanzjament meħtieġ għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) jimplimentaw id-diversi aspetti ta' din ir-Rakkomandazzjoni billi jużaw il-fondi nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż Erasmus+, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa, u jipproċedu bl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza;
- b) jużaw l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, inkluż l-approċċ ta' diversi pajjiżi tiegħu, biex ifasslu u jimplimentaw riformi biex isaħħu l-forniment tal-ħiliet diġitali f'perspettiva ta' apprendiment tul il-ħajja, f'konformità ma' din ir-Rakkomandazzjoni;
- c) iħeġġu l-investiment privat fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u jqisu t-taħlit ta' sorsi differenti ta' finanzjament għal inizjattivi ta' titjib u ż-żieda tal-impatt u s-sostenibilità tagħhom;
- d) jippromwovu l-kontribut u l-użu ta' soluzzjonijiet ta' sors miftuħ, ta' kontenut miftuħ jew ta' data miftuħa u ta' beni komuni digitali⁵² b'mod ġenerali.

⁵² [Għal definizzjoni tal-kunċett ta' "riżorsi komuni diġitali", jekk jogħġbok ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali.]

13. Jinkarigaw lill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ bil-kompitu li jipprovdi tmexxija dwar is-suġġetti strateġiċi ewlenin indirizzati f'din ir-Rakkomandazzjoni. Dan ser isir prinċipalment permezz ta' diskussjonijiet, skambju regolari ta' informazzjoni u l-forniment ta' gwida dwar kwistjonijiet strateġiċi⁵³ relatati mal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali u mal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali. Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jirċievi appoġġ u juża l-għarfien espert kif jeħtieġ, inkluż mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Diġitali: Apprendiment, Tagħlim u Valutazzjoni (DELTA) u gruppi ta' esperti f'setturi oħra, bħall-Bord tad-Deċennju Diġitali, sabiex jibnu fuq approċċ orizzontali u transdipartimentali. Is-suġġetti li għandhom jiġu koperti jistgħu jitħabbru fl-aġendi politiċi suċċessivi ta' 18-il xahar.

⁵³ Tali kwistjonijiet jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, ir-rekwiżiti tal-kwalità għall-għodod u l-kontenut tal-edukazzjoni diġitali jew l-integrazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż permezz tal-informatika u l-ħsieb komputazzjonali.

JILQA' BI PJACĪR L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

Tibni fuq inizzjattivi eżistenti, inkluż is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ u s-Sena Ewropea tal-Ħiliet, biex tappoġġa u tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:

1. Tappoġġa l-isforzi ta' riforma għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali u għall-informatika jew l-ħsieb komputazzjonali ta' kwalità għolja. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:
 - a) tiffaċilita r-riformi tal-Istati Membri, permezz ta' strumenti tal-Unjoni bħall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, inkluż billi tiffaċilita l-iskambji dwar approċċi nazzjonali dwar l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi diġitali u ħiliet relatati mal-informatika jew mal-ħsieb komputazzjonali. Il-Kummissjoni ser tippromwovi l-użu u t-titjib tal-għodod eżistenti għall-evalwazzjoni tal-ħiliet, u inizzjattivi ta' taħriġ għall-għalliema li jirnexxu f'dawn l-oqsma;
 - b) tappoġġa edukazzjoni ta' kwalità għolja fl-informatika jew fil-ħsieb komputazzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, billi tiżviluppa linji gwida għall-għalliema u l-edukaturi bħala offerta volontarja għall-Istati Membri;
 - c) tappoġġa l-apprendiment bejn il-pari u l-kooperazzjoni biex jinqasam l-ġharfien dwar l-iżvilupp, it-twettiq u l-valutazzjoni tal-kurrikulu mill-Istati Membri permezz ta' programmi tal-Unjoni inkluż l-Erasmus+ u għodod bħall-Oqfsa Ewropej għall-Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini u għall-Edukaturi;
 - d) tappoġġa lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fi sħarriġ internazzjonali (bħall-ICILS, PISA, TALIS, PIAAC) u inizzjattivi Ewropej oħrajn (bħall-Eurograduate), li jistgħu jikkomplementaw l-isforzi għall-ġbir tad-data nazzjonali.

2. Tappromwovi l-eċċellenza f'korsijiet ta' ħiliet diġitali avvanzati u speċjalizzati fl-edukazzjoni għolja u fil-VET. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:
- a) tappoġġa lill-Istati Membri fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għall-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati u speċjalizzati fost studenti, riċerkaturi u studenti li jkunu qed jitgħallmu tul il-ħajja, fejn tali ħiliet jiġu pprovduti minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u fornituri tal-VET fuq bażi volontarja. Dan isir kemm fi programmi interdixxiplinari kif ukoll fi programmi ffokati fuq ħiliet avvanzati tal-ICT, filwaqt li titqies il-ħtieġa li dawn il-ħiliet jiġu aġġornati b'mod permanenti biex jiġi segwit il-pass mgħaġġel tal-innovazzjoni, kif ukoll il-ħtieġa li dawn il-programmi jsiru inklużivi u aċċessibbli għal studenti diversi;
 - b) tkompli l-appoġġ tagħha għall-offerta akkademika f'ħiliet diġitali avvanzati f'oqsma tat-teknoloġija diġitali u f'oqsma transdixxiplinari jew multidixxiplinari oħrajn, u l-applikazzjonijiet tagħhom f'setturi strateġiċi mhux koperti biżżejjed minn programmi ta' ħidma tal-Ewropa Diġitali adottati qabel.
3. Tappoġġa l-isforzi għall-forniment tal-ħiliet diġitali lill-adulti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:
- a) tippromwovi mill-ġdid inizzjattivi bħall-Patt għall-Ħiliet u l-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali, biex jingħaqdu flimkien biex joffru opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet għall-adulti biex itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom;
 - b) tappoġġa u tħeġġeġ l-iżvilupp ta' korsijiet ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali aċċessibbli, li jwasslu għal mikrokredenzjali fejn possibbli, u jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi ta' apprendiment għall-adulti, pereżempju permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni. Tista' ssir enfasi partikolari fuq il-forniment ta' ħiliet diġitali avvanzati lill-persunal tal-SMEs;

- c) tiffaċilita l-iskambji dwar l-aħjar prattiki għall-apprendiment għall-adulti tal-ħiliet diġitali permezz tan-network tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, il-Patt għall-Ħiliet, il-grupp ta' ħidma taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni dwar l-apprendiment għall-adulti, il-koordinaturi nazzjonali għall-apprendiment għall-adulti u fora rilevanti oħrajn.

4. Tiffaċilita r-rikonoxximent taċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ser:

- a) twettaq proġett pilota u, jekk jirnexxi, tintroduċi, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati⁵⁴, Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali, li jista' jintuża mill-Istati Membri fuq bażi volontarja. Iċ-ċertifikat ikun immirat lejn it-tisħiħ tal-fiduċja fiċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali u l-aċċettazzjoni tagħha fost il-gvernijiet u l-industriji. Il-proġett pilota għandu l-għan li jidentifika u jittestja r-rekwiżiti minimi ta' kwalità li kwalunkwe ċertifikat u proċess ta' ċertifikazzjoni għall-ħiliet diġitali jeħtieġ li jkollu. Iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali jista' jippermetti lil kull ċittadin Ewropew jindika b'mod affidabbli u trasparenti l-livell ta' ħiliet diġitali tiegħu li jikkorrispondi għall-qafas tad-DigComp;
- b) tappoġġa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-iżvilupp ta' linji gwida u tiffaċilita skambji dwar l-aħjar prattiki għall-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali;
- c) tappoġġa lill-korpi kompetenti tal-assigurazzjoni tal-kwalità u/jew tal-istandardizzazzjoni fl-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' rikonoxximent għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali, inkluż il-mikrokredenzjali, u tkompli tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li jippermettu r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' dawk il-ħiliet diġitali sal-2025.

⁵⁴ Il-partijiet ikkonċernati mill-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sħab soċjali u l-fornituri taċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali.

5. Tappoġġa l-isforzi li għandhom l-għan li jżidu l-għadd u d-diversità tal-professjonisti tal-ICT. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:
- a) tibni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, fuq id-dikjarazzjoni *Impenn dwar in-nisa fl-era diġitali*, sabiex thegħġeg aktar lin-nisa biex ikollhom rwol attiv u prominenti fis-settur tat-teknoloġija diġitali u biex tippromwovi l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali avvanzati u l-karrieri fis-settur diġitali għan-nisa;
 - b) tappoġġa lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' taġlim relattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru tal-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni primarja u sekondarja billi tidentifika prattiki ta' taġlim skalabbli innovattivi biex jiġu indirizzati l-ostakli istituzzjonali u kulturali għall-aspirazzjonijiet tal-bniet u l-aċċess taġħhom għall-istudji u l-karrieri tal-ICT fl-Unjoni;
 - c) iżżomm u, fejn meħtieġ, issaħħaħ l-isforzi lejn l-inklużjoni diġitali, filwaqt li tiżgura li l-individwi u l-komunitajiet kollha, inkluż dawk l-aktar żvantaġġati (pereżempju, il-gruppi vulnerabbli u soċjoekonomikament żvantaġġati, il-persuni b'diżabilità u l-persuni li jgħixu f'żoni rurali u remoti), ikunu jistgħu jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali u jibbenefikaw minnha.

6. Timmonitorja l-progress, ixxerred prattiki tajbin u żżid l-iskambji mal-partijiet ikkonċernati. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:

- a) timmonitorja l-progress lejn l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, filwaqt li tqis l-istrategġiji jew l-approċċi strateġiċi tal-Istati Membri, u tinkludi l-eżiti u l-impatti speċifiċi fuq il-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali. Dan għandu jsir fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tagħha, u bħala parti mir-rappurtar tal-Istati Membri permezz tad-Deċennju Diġitali, mingħajr ma jiżdiedu l-piżijiet amministrattivi tagħhom;
- b) issaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali;
- c) tirrieżamina l-progress li sar lejn l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u tirrapporta lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn ħames snin wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
